



EUROPEAN MEDICINES AGENCY  
SCIENCE MEDICINES HEALTH

EMA/336444/2007  
EMA/V/C/000040

## Halocur (*halofuginone*)

Ħarsa ġenerali lejn Halocur u r-raġuni għalfejn huwa awtorizzat fl-UE

### X'inhu Halocur u għal xiex jintuża?

Halocur huwa mediċina veterinarja li tintuża biex tipprevjeni jew tnaqqas id-dijarea kkawżata minn organiżmu msejjaħ *Cryptosporidium parvum* f'għoġġiela tat-twelid. *C. parvum* huwa parassita li jagħmel parti mill-familja tal-"protozoa" li jinvasi s-sistema diġestiva, u jikkawża dijarea. L-infezzjoni hija magħrufa bħala kriptosporidjozi.

Il-mediċina fiha s-sustanza attiva halofuginone.

### Kif jintuża Halocur?

Halocur jista' jinkiseb biss b'riċetta ta' tabib u jiġi bħala soluzzjoni orali (likwidu li għandu jingħata mill-ħalq). Dan jingħata lil għoġġiela tat-twelid darba kuljum għal ġimgħa. Għall-prevenzjoni tad-dijarea, il-kura għandha tinbeda fi żmien 24 sa 48 siegħa mit-twelid; għat-tnaqqis tad-dijarea, il-kura għandha tinbeda fi żmien 24 siegħa mill-bidu tad-dijarea. Halocur għandu jingħata wara l-għalf.

Għal aktar informazzjoni dwar l-użu ta' Halocur, aqra l-fuljett ta' tagħrif jew ikkuntattja lill-veterinarju jew lill-ispiżjar tiegħek.

### Kif jaħdem Halocur?

Is-sustanza attiva f'Halocur, halofuginone, tipprevjeni t-tkabbir ta' *C. parvum*. Din tillimita wkoll it-tixrid tal-marda billi tipprevjeni l-formazzjoni ta' oocisti li huma stadju fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-parassita li jgħaddu fl-ippurġar. Il-mod eżatt kif taħdem halofuginone mhuwiex magħruf.

### X'inhuma l-benefiċċji ta' Halocur li ħarġu mill-istudji?

Saru għadd ta' provi fuq il-post li involvew għoġġiela minn irziezet differenti. Fi prova waħda, ġew inklużi għoġġiela ta' bejn 4 u 10 ijiem minn 40 razzett. Intwera li l-kura b'Halocur matul 7 ijiem konsekuttivi tnaqqas id-dijarea u l-livell tal-eskrezzjoni ta' *C. parvum* sa grad ikbar mill-plaċebo (kura finta). Prova oħra ta' għoġġiela ta' bejn 24 u 48 siegħa qabblet ukoll Halocur mal-plaċebo u wriet li l-mediċina kienet effettiva fil-prevenzjoni tad-dijarea kkawżata minn *C. parvum*. Intwera li kura bikrija fl-ewwel 24 sa 48 siegħa wara t-twelid kienet tal-aktar benefiċċju.

**Official address** Domenico Scarlattilaan 6 • 1083 HS Amsterdam • The Netherlands

**Address for visits and deliveries** Refer to [www.ema.europa.eu/how-to-find-us](http://www.ema.europa.eu/how-to-find-us)

**Send us a question** Go to [www.ema.europa.eu/contact](http://www.ema.europa.eu/contact) **Telephone** +31 (0)88 781 6000 An agency of the European Union



## **X'inhuma r-riskji assoċjati ma' Halocur?**

Halocur m'għandux jingħata lil għoġġiela b'dijarea preżenti għal aktar minn 24 siegħa, jew lil animali dgħajfa.

Għal-lista sħiħa tal-effetti sekondarji u r-restrizzjonijiet ta' Halocur, ara l-fuljett ta' tagħrif.

## **X'inhuma l-prekawzzjonijiet li jridu jittieħdu mill-persuna li tagħti l-mediċina jew li tiġi f'kuntatt mal-animall?**

Il-persuni li jmissu Halocur ripetutament jistgħu jiżviluppaw allerġiji tal-ġilda. L-utenti għandhom jevitaw kuntatt mal-ġilda u mal-għajnejn bil-prodott u jekk ikun hemm dan il-kuntatt, għandhom jaħslu sew il-parti esposta b'ilma nadif. Jekk l-irritazzjoni fl-għajnejn tippersisti, wieħed għandu jfittex parir mediku. Waqt il-kuntatt mal-prodott għandhom jintlibsu ingwanti protettivi u wara l-użu għandhom jinħaslu l-idejn.

Halocur m'għandux jidħol fil-passaġġi tal-ilma peress li dan jista' jkun perikoluż għall-ħut u għal organiżmi akkwatiċi oħrajn. Kull fdal tal-prodott li ma jkunx intuża jew skart li jibqa' wara l-użu tal-prodott għandu jintrema kif jitolbu l-liġijiet lokali.

## **X'inhu l-perjodu ta' tiżmim f'animali li jipproduċu l-ikel?**

Il-perjodu ta' tiżmim huwa ż-żmien li jrid jgħaddi wara l-għoti tal-mediċina qabel ma l-animall ikun jista' jinqatel u l-laħam tiegħu jintuża għall-konsum mill-bniedem.

Il-perjodu ta' tiżmim għal laħam minn għoġġiela tat-twelid ikkurati b'Halocur huwa 13-il jum.

## **Għalfejn Halocur huwa awtorizzat fl-UE?**

L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ddeċidiet li l-benefiċċji ta' Halocur huma akbar mir-riskji tiegħu u rrakkomandat li jkun awtorizzat għall-użu fl-UE.

## **Informazzjoni oħra dwar Halocur**

Halocur ingħata awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq valida fl-UE kollha fid-29 ta' Ottubru 1999.

Aktar informazzjoni dwar Halocur tinstab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija:

[ema.europa.eu/medicines/veterinary/EPAR/Halocur](http://ema.europa.eu/medicines/veterinary/EPAR/Halocur).

Dan is-sommarju ġie aġġornat l-aħħar f'03-2020